

Brussell, 5 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14693/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0257(NLE)

TRANS 440
COWEB 159
ELARG 140

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward l-emenda tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3, fir-rigward tar-regoli dwar il-liv tal-maternità tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
rigward l-emenda tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3,
fir-rigward tar-regoli dwar il-liv tal-maternità
tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-“TCT”) ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937¹.
- (2) It-TCT ġie approvat f’isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392² u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.
- (3) L-Artikolu 24 tat-TCT jistabbilixxi l-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (il-“Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali”). Skont l-Artikolu 24(1) tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tat-TCT u għandu jaċċerta l-implimentazzjoni xierqa tat-TCT.
- (4) Skont l-Artikolu 30 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti (“is-Segretarjat”) stabbilit bl-Artikolu 28 tat-TCT, b’mod partikolari għar-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta’ Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta’ Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

- (5) Fil-5 ta' Ġunju 2019, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport ġew adottati bħall-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3³ tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali. Ir-regoli dwar il-liv tal-maternità għall-membri tal-persunal tas-Segretarjat ("ir-regoli dwar il-liv tal-maternità") huma stabbiliti fit-Taqsima 10.4 tal-Anness II.
- (6) Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali biħsiebu jadotta deċiżjoni li temenda r-regoli dwar il-liv tal-maternità. L-emenda ta' dawk ir-regoli hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali rigward l-emenda tar-regoli dwar il-liv tal-maternità peress li tali emenda se jkollha effetti legali.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Id-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (2023/553) tal-5 ta' Ġunju 2019 rigward:l-adozzjoni ta' regoli dwar ir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ekwilibriju ġeografiku tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport;l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport; l-adozzjoni ta' avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti għad-Direttur u l-Viċi Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport (ĠU L 73, 10.3.2023, p. 37).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (il-“Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali”) rigward l-emenda tar-regoli dwar il-liv tal-maternità tal-membri tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport stabbiliti fl-Anness II, (Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport) tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
